# Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl Nagħmluha Aħna

Sabiħ immens kien in-numru ta' familji bit-tfal, Nadurin li ġew minn irħula oħra bil-familji tagħhom, u oħrajn li ġew mis-safar, folla ta' żgħażagħ u anzjani, li pparteċipaw b'ferħ kbir għall-quddiesa organizzata mill-Banda Mnarja u għall-ħruġ tal-istatwa devota tal-patruni tagħna Pietru u Pawlu. Il-ferħ, il-kant u ċ-ċapċip kienu espressjoni tal-għaqda bejnietna u awgurju tajjeb għall-jiem li ġejjin. Kien mument sabiħ ferm li fl-aħħar irnexxielna ninġabru fit-talb biex nilqgħu l-barka ta' Alla fuqna lkoll, għax neħtiġuha.

Kemm nixtieq li f'dawn il-jiem tan-Novena li għad baqa' **nkomplu nimlew il-knisja** bl-istess spirtu ta' ħeġġa u tama fil-Mulej li jista' jqawwina u jdawwalna bħalma għamel ma' Pietru u ma' Pawlu. F'dawn il-jiem, kollha kemm aħna, għandna bżonn napprofittaw miż-żmien tal-festa sabiex inqerru u nitqarbnu ħalli qalbna tkun mistrieħa fil-Mulej u jkollna aktar għalfejn niċċelebraw fl-imħabba u fl-għaqda ma' kulħadd. Fittxu lilna s-saċerdoti u itolbuna ngħinukom fis-Sagrament tal-Qrar; u sibu l-ħin biex tingħaqdu magħna kuljum fis-Sagrament tal-Quddies. Għax jekk inħallu lill-Mulej jaħdem magħna, il-ġid joktor b'mod tal-għaġeb, mhux fuq barra biss, imma anke minn ġewwa.

L-Erbgħa fil-quddiesa tan-Novena **saret il-vestizzjoni ta' erba' abbatini ġodda**: George, Pawlu, Zack u Zane. Fraħna magħhom u mal-familji tagħhom, ċerti li l-preżenza tagħhom tkompli ssaħħaħ il-grupp tal-abbatini tagħna u tħajjar tfal oħra biex jingħaqdu magħhom ħalli jgħinu fis-servizz u jkunu mill-iktar qrib ta' Ġesù fuq l-altar.

Kien mument sabiħ il-Ħamis meta nġbarna sabiex **nirringrazzjaw lill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri** tal-ġid li ħallielna matul l-14-il sena ta' ħidma fostna. Tajjeb li f'dawn il-jiem inkomplu nitolbu għalih u nwasslulu l-għajnuna u l-awguri personali tagħna fil-ħidma l-ġdida li għandu bħala responsabbli mis-servizz tal-Karità djoċesana.

It-Tnejn 24 ta' Ġunju ser **nifirħu mas-saċerdoti tagħna Dun Karm Portelli, Dun Loreto Tabone u Dun Mario Cassar** li qed jiċċelebraw il-50 anniversarju mill-ordinazzjoni tagħhom. Ejjew nirringrazzjaw lil Alla talli dejjem kienu ta' servizz għall-Knisja u l-komunità tagħna fin-Nadur.

Inħeġġu lill-miżżewġin kollha li qed jiċċelebraw l-10, il-25 u l-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom u dawk li kellhom xi tarbija f'din l-aħħar sena sabiex jiġu għall-quddiesa tas-7.00pm tal-Ħadd 23 ta' Ġunju sabiex ikomplu **jitolbu l-barka ta' Alla fuq il-familji tagħhom**.

**Il-ministeru tat-tmexxija tal-parroċċa**

F'lejlet il-festa, il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof ser jagħtini l-ministeru tal-Kanonikat fi ħdan il-Bażilika Kolleġġjata tagħna tan-Nadur, sabiex regolarment inlaqqa' lil sħabi s-saċerdoti Kanoniċi għat-talb tas-Salmi. U wara s-sajf, nhar is-Sibt, **28 ta' Settembru 2024**, ftit jiem wara li nirċievi n-nomina ta' Arċipriet, l-Isqof ser jagħtini l-pussess tal-parroċċa fil-quddiesa ta' filgħaxija.

Fix-xhur ta' wara, minn Ottubru sa Diċembru, għandi l-ħsieb li nibda nżur il-familji kollha tagħkom ħalli nsir nafkom iktar mill-qrib.

*Dun Krystof*

**Grazzi tal-ġenerożità kbira tagħkom!**

F'dawn il-jiem ingħatat donazzjoni ta' €1,000 mingħand il-Familja Grima għar-restawr tar-raba' linfa. Dan qed jagħmluh b'suffraġju ta' Coronato u Ġużeppa Grima.

Inħeġġukom ukoll sabiex tipparteċipaw bid-donazzjoni ta' €20 sabiex isiru bukketti ta' ward quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Għal iktar informazzjoni kellmu lil Dun Salv Pace.

Ngħarrfukom illi sa issa l-ġabra mill-envelopes laħqet is-somma ta' €11,906, mentri l-ġabra li saret fil-knisja waqt il-ħruġ tal-istatwa kienet ta' €2,615.

---

Matul il-jiem tan-Novena tpoġġew kaxxi apposta ħdejn il-bibien tal-knisja sabiex jingħataw għotjiet ta' karità. Nitolbukom tgħinu mill-aħjar li tistgħu.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am